## L-Ewwel Parti

### In-Nisġa tad-Destin

*Apokalissi 7:1,3* Wara dan rajt erba' anġli weqfin fuq l-erba' rkejjen tal-art. Kienu qed iżommu l-erbat irjieħ tad-dinja, biex ma jonfoħx ir-riħ la fuq l-art, la fuq il-baħar u lanqas fuq l-ebda siġra. U rajt anġlu ieħor tiela' mil-Lvant, bis-siġill ta' Alla ħaj. U għajjat, b'leħen qawwi lill-erba' anġli li kellhom is-setgħa jagħmlu l-ħsara lill-art u lill-baħar, "La tagħmlux ħsara la lill-art, la lill-baħar u lanqas lis-siġar, sakemm inkunu stampajna l-qaddejja t'Alla tagħna fuq ġbinhom."

## *Daħla*

*Jien Steve Ebejer. Imma mhux biss. Fil-fond, jien Steve, u aktar fil-fond, jien missieri, jien ommi, u ħuti li qatt ma kelli, jien missier missieri u missier ommi, li jgħidu kien jiflaħ daqs barri u bħal barri kien jitlagħlu wkoll. Jien il-ħsus ta' ħafna nies miġburin f'salt u flimkien minsuġa, jien l-esperjenzi u t-tiġrib ta' dawk li ġew qabli, ta' wħud li naf u ħafna oħrajn li ma nafx.*

*Jien l-ideat u l-ħsibijiet ta' dawn in-nies kollha, ix-xewqat, it-tamiet, il-ħolm tagħhom, u issa ma' tagħhom hemm tiegħi, bniedem bħalhom, bniedem sempliċi u ta' ftit kliem, wiċċ fil-kotra, qatra ilma f'baħar kbir.*

*Jien Steve Ebejer, ħajta ħarir f'bizzilla rrakkmata ta' kobor bla qies. Leħħa dawl fejn dawl m'hemmx. Jien int, li qed taqra dan li hawn imħarbex f'dan id-djarju bil-paġni musfara. Qed nara kliemi stess b'għajnejk, jipprova jagħti tifsira lil ġrajjieti, imkebbsa min-nirien dejjiema u fejjieda tas-Serafini. Għalija beda kollox dakinhar fuq tal-linja, meta qsamt mal-Bambu għal ġewwa realtà ġdida, realtà mistħajla. Fil-konfużjoni sibt lili nnifsi. Fil-kaos bdejt naqta' l-għatx għall-għarfien.*

Fil-mergħat tal-impossibbli, fejn xogħolna sar tanġibbli
Dakinhar li rnexxielna nwettqu dak li kien ippjanat
Għolew 'il fuq in-nirien u ħaslu l-art fid-dawl dehbien.

*Dan l-għerf ta' miljuni u miljuni ta' bnedmin, din il-ġabra tant wiesgħa ta' tiġrib ta' nies bħali, qiegħda kollha hemm issa, merfugħa ġewwa moħħi, f'librerija virtwali li m'għandhiex bidu bħalma m'għandhiex tmiem. U jien, li librar kont, għadni u nibqa', ngħożż u nindokra kull ktejjeb li hemm fuq l-ixkafef ta' din il-kollezzjoni imprezzabbli, daqslikieku kienu wliedi, u wieħed wieħed niftaħhom, naqrahom, infarfarhom mill-għanqbut taż-żminijiet.*

*Jien Steve Ebejer. Jien, wieħed minnhom. U hekk tissokta l-ġrajja tiegħi …*

## *L-Ewwel Kapitlu.* **Fil-qiegħ tal-kikkra**

Il-ħoss tar-riħ ivenven fil-bogħod, imbagħad ragħad ikarwat u l-ħoss tax-xita nieżla b'saħħa. Għajjat fil-qrib. Nies jilletikaw bi lsien ma jinftehimx. Tisbit ta' bibien. Il-biki insistenti ta' tarbija. Leħen ta' raġel jaqra l-aħbarijiet bl-Ingliż …

"— now ready to start the operations that are expected to take at least a number of days. To support the mass evacuation, the US, German and Chinese militaries have sent a number of aircraft and a large number of troops distributed between two dozen centres that have been set up to gather the people that are going to be transported inland towards a centralised drop-off site. With us today we have Dr Cèplò who described this event as a defining moment in the history of mankind. Dr Cèplò, welcome."

"Thanks Bob, I am happy to be here."

"What can you tell us about what we should expect today?"

"Well for one thing, we should definitely expect a lot of rain!"

Id-daħq taż-żewġt irġiel jirbombja f'widnejja, qisu eku tar-ragħad aktar fil-bogħod.

"Seriously now Bob, I believe what we are witnessing here is a colossal step towards ensuring the safety not

only of the remaining inhabitants of Rio but also of future generations. This event, highlighted by the fact that UN leaders have decided to oversee the evacuation personally, proves the determination of man to find a solution to our current problems."

"Certainly moving two million people will be no easy task."

"It will not, especially when one considers the adverse weather conditions. But it must be done, there is no other option. All the people must be taken out before hurricane Moses hits the city. I am very confident that the operation will be successful and by this time tomorrow most of the evacuated will be settling in their new homes in the brand new Bolivian cloud city of Nova Sucre."

"And what do you make of the opposing forces that are saying no to this initiative?"

"What can I say Bob? Those people do not have the interest of billions of people at heart, but only their own. It is sad to witness such threats creeping around this humanitarian event like weeds trying to suffocate a healthy plant. But as they say, the brightest flame casts the darkest shadow—"

Ftaħt għajnejja u sibt ruħi niċċassa lejn saqaf imtebba' bi rqajja' ta' moffa sewdinija f'għodwa għadha kif bdiet tbexbex.

Tajt salt biex inqum iżda d-damdim tal-imrietel f'rasi sabbatni lura u sammarni mal-imħadda iebsa u mxarrba għasra bl-għaraq tiegħi stess. Waqaft hemm. Riħa qarsa ta' remettar antik imlietli mnifsejja u dort

la ġenba biex naqla' iżda skoprejt li ma kelli xejn xi nneħħi. Meta kkalmajt, ħarist madwari.

Il-kamra ma kinitx kbira — biżżejjed biex joqogħdu s-sodda li kont fuqha jien, komodina nofs kedda, gwardarobba bla bibien u mejda baxxa b'televixin daqs naqra li kien diġà antik meta twieldu wliedi. Kien mixgħul fuq stazzjon tal-aħbarijiet fejn żewġt irġiel kienu qed jiddiskutu dan l-avveniment importanti: l-evakwazzjoni sħiħa ta' Rio, ġewwa l-Brażil. Kienu qed jistennew kollegament ma' wieħed miċ-ċentri tal-evakwazzjoni minn fejn kienet se tixxandar konferenza stampa mit-tim ta' nies fi ħdan il-Ġnus Magħquda li qed imexxu din l-operazzjoni.

Dawwart rasi biex nara minn fejn kienu ġejjin il-ħsejjes u l-għajjat. Tieqa mingħajr ħġieġ u lanqas purtieri fuq il-lemin tas-sodda tatni veduta ta' sema skur u msaħħab. Leħħa ta' berqa serrpet tul is-smewwiet, u sibt ruħi ngħodd is-sekondi sakemm tinstema' r-ragħda. Ix-xita daħlet mit-tieqa mkeċċija 'l ġewwa mill-buffuri ta' riħ qawwi. Weġgħa ġegħlitni nagħlaq għajnejja mill-ġdid. Rasi kienet donnha waslet biex tinqasam minn ġewwa u għaddiet minn quddiem għajnejja stampa tiegħi nnifsi nisplodi, rasi tinfaqagħli f'elf u mitt biċċa u tħammar il-ħitan musfara tal-kamra. Indunajt li kelli hangover madornali, iżda dak il-ħin ma kelli ebda ħjiel ta' kif qabadni.

Xtaqt nixrob gallun ilma, jekk xejn biex inneħħi t-togħma ħażina.

Qomt kif stajt, bil-kamra ddur bija. Għal xi waqtiet bqajt bilqiegħda f'tarf is-sodda sakemm ħassejtni aħjar.

Intbaħt li r-riħa ta' qrusa kienet ġejja minn fuqi stess. Bi tbatija rnexxieli nimxi sat-tieqa u xrift rasi minnha. Ħallejt ix-xita xxarrabli l-qurriegħa, tiffriskani, u intant ħarist lejn il-veduta. Inħsadt b'dak li rajt. Djar fuq djar fuq djar f'geġwiġija li taqtagħlek nifsek. Finnofs dalma mxarrba taż-żerniq dik ix-xena rajtha kerha u tal-biża', anzi dipressanti. Riħa ta' żibel qadim ħakmitli mnifsejja hekk kif riħ umdu nefaħ lejja. Kienet l-għodwa tal-irwejjaħ jintnu.

Ix-xita battiet f'salt, imbagħad waqfet. Ħarist lejn lewn is-sema, griż qawwi, aktar skur minn ta' mergħat oħrajn. Il-griż kien qisu qed jerħi f'kull ħaġ'oħra f'dik ix-xena quddiemi, fis-siġar fuq għoljiet imbegħdin, fid-djar imtarrġin. Il-post m'għaraftux. Il-pajsaġġ kien aljen għalija — id-djar imrikkbin fuq xulxin tawni l-impressjoni ta' belt fl-Amerka t'Isfel u f'daqqa waħda ftakart x'kien intqal fl-aħbarijiet dwar evakwazzjoni storika u xandira diretta minn ġewwa … Rio. Il-Brażil.

Taħt ħwejġi, id-drakun — il-pendent simbolu tagħna s-Serafini — saħan f'salt u malli dawwart rasi l-bieb ta' kamarti nfetaħ 'il ġewwa b'tisbita. Minnu tfaċċat mara liebsa kollox iswed, qisha sejra xi funeral, tqattar l-ilma minn rasha sa saqajha.

Flietni minn fuq s'isfel.

"You look awful. And smell even worse." Dawk kienu l-ewwel kelmiet li lissnet.

•

Ħarist lejn il-fdal tal-kafè f'qiegħ it-tielet kikkra ta' dik l-għodwa stramba li bdiet kif bdiet. Ittamajt li hemm nara xi ħaġa li tiftaħli għajnejja u turini t-triq

tal-ġejjieni. Bi ftit immaġinazzjoni stajt nistħajjel sura t'ankra. Jew kien stallett dak? Tani d-daħq.

Ftit ftit bdejt niġi f'tiegħi. Ħsibt li wara d-doċċa kiesħa li ħadt f'dik il-kamra tal-banju inkallata, l-għanqbut kien se jitlaħlaħ minn quddiem għajnejja u niġi f'posti. Iżda ma kienx daqshekk faċli. Ix-xarba li xrobt ma' Mulan St Etienne f'dak il-pub nofs kedda 'l barra minn Londra futura kienet ħalliet effetti koroh fuqi.

Sakemm kont qed ninħasel, Beatriz marret tiddubbali koċċ ħwejjeġ nodfa.

Beatriz. Hekk qaltli li jisimha. Qaltli li kienet Portugiża, minn raħal ċkejken fil-punent tal-pajjiż, jismu Vila do Bispo, fir-reġjun t'Algarve. Forsi kien veru. Forsi ma kienx.

Ikkonfermatli li kienet Serafin (jew *Serafina* la mara?) u wrietni l-pendent tagħha li kien għenha ssibni. Wara l-introduzzjonijiet, ħadet ħsieb tipprova ġġibni f'sensija, u l-kafè kollu li xrobt fl-aħħar nofs siegħa kien parti mill-kura.

Ir-raġuni għaliex konna hemm f'dik il-mergħa kienet ovvja u sirt nafha mit-televiżjoni u minn dak li rajt madwari. Il-klima tad-dinja fl-2051 iddeterjorat tant li l-Ġnus Magħquda kellhom jenforzaw evakwazzjoni tal-massa minn Rio — qabel uragan ta' proporzjonijiet enormi jolqot il-fdal ta' belt ikkundannata. Xi wħud iżda, kienu qed jopponu li dan jitwettaq. Min u għaliex kont għadni ma nafx — kellna bżonn niġbru aktar informazzjoni dwar il-qagħda tad-dinja f'dik il-mergħa, dwar it-telqa li kien hemm madwarna, minn

fejn kienet ġejja dik it-tensjoni fl-arja, tensjoni tielgħa mill-art u tinfed l-imħuħ, dwar il-kif u x'fatta ta' dak l-ambjent imkisser. It-triq li konna fiha naħseb kienet waħda minn ftit fejn rajt ħjiel ta' normalità, fejn kien għad baqa' ftit ħwienet miftuħin, fejn rajt uċuħ ta' nies jippruvaw ikomplu b'ħajjithom.

Il-bqija ta' Rio li rajt b'għajnejja u missejt b'idejja ma kinitx il-belt li dejjem stħajjilt mill-kotba li qrajt dwarha. Ħlief faqar, ħmieġ, tkissir u kriminalità ma rajtx madwari. Tfal żgħar ibigħu d-droga f'kull kantuniera, irġiel u nisa jiġġieldu għal kull ħaġa ta' xejn.

It-toroq kollha lwien, il-mużika tfur mill-bibien u t-twieqi għal ġot-toroq imballati bl-uċuħ ferrieħa kienu għebu. Qisu xi ħadd neħħa l-kuluri kollha minn pittura u ħalla biss verżjoni tagħha monochrome. Minflok kien hemm din il-verżjoni astratta ta' Rio, belt fejn kien hemm rewwixta għaddejja. Rajt ħafna vandaliżmu, f'kull triq li mxejna. Djar bit-twieqi mkissrin, djar maħruqin, messaġġi miktubin fuq ħitan. It-temp kien jikkumplimenta dak l-ambjent—maltempati bir-ragħad li jaħsduk bil-qawwa tagħhom, riħ forza ta' riefnu ma jaqta' xejn. Nies fit-toroq rajt mill-inqas. Kien evidenti mill-ewwel in-nuqqas ta' karozzi, għax ħlief għal ftit vetturi militari u tal-pulizija Brażiljana ma rajt xejn.

Fuq il-mejda ta' maġenbna, raġel imdaħħal fiż-żmien liebes aktar ħwejjeġ milli kellu bżonn f'dik il-klima, ressaq il-platt minn quddiemu, mesaħ il-wiċċ tal-mejda bil-komma u qata' linja trab abjad fuq il-mejda stess,

imbagħad ġibidha bi mnieħer kbir u mgħawweġ ganċ.

Ftit 'il bogħod minn fejn konna kien hemm ħanut ċkejken ta' regettier, ibigħ l-imbarazz, fosthom gazzetti u kotba. Gabuba se tinqasam imdeffsa bejn żewġt idjar. Is-sid, mustaċċun qsajjar, kien mitfugħ bilqiegħda fuq l-għatba, ipejjep. Deher imdejjaq, bħat-temp. Bħal kollox f'dik il-mergħa.

Stħajjilt li seta' jagħtini ftit informazzjoni li tant kont għatxan għaliha.

Iffukajt fuqu. Għalkemm kont qed inħossni aħjar, xorta batejt ħarira qabel irnexxieli nidħol ġo rasu. Ir-regettier kien Messikan, jismu Juanito. Dik l-ewwel informazzjoni li fittixt. Kull meta dħalt f'moħħ xi ħadd waqt dawn l-avventuri tiegħi, dejjem xebbaht il-ħsibijiet ta' individwu ma' librerija vasta mimlija kotba ta' suġġetti diversi. Fuq l-ixkafef, minflok kotba, tifkiriet, merfugħin b'għaqal biswit xulxin, sa mit-twelid.

Qallibt sakemm sibt dak li jinteressa lili. L-aħħar ħarġa tal-O Dia, l-uniku gazzetta li baqgħet tiġi stampata f'dik il-ħabta, irrappurtat bi prominenza l-aħbar dwar l-evakwazzjoni sfurzata ta' Rio. Fl-istess ħin ġabet dettalji dwar il-belt il-ġdida fil-Bolivja fejn in-nies l-evakwati kienu se jittieħdu, f'mossa li kellha l-għan li tindirizza l-aktar problemi jaħarqu dwar it-tibdil fil-klima. Ix-xjenzjati u l-politiċi kienu kollha għajta waħda. Daqshekk għaks, daqshekk ġuħ u faqar. Kif kont diġà smajt mill-aħbarijiet fuq it-televiżjoni, membri tal-Ġnus Magħquda waslu Rio biex josservaw l-evakwazzjoni mill-qrib u jsolvu problemi li jistgħu

jinqalgħu. Dan kienu se jagħmluh minn ġewwa arena sportiva abbandunata li kellha sservi wkoll bħala wieħed miċ-ċentri fejn l-evakwati kellhom jiltaqgħu. Minn hemm ukoll kienet se ssir konferenza stampa li kellha tixxandar madwar id-dinja *in diretta*.

Rio tal-2051. Belt ikkundannata. Bħal bliet oħrajn madwar id-dinja, Rio de Janeiro sfat vittma tal-bidliet fil-klima u ċediet għat-theddida tal-livell tal-ibħra li għolew u għolew sakemm belgħu l-art. Kien fadal biss partijiet għolja tal-belt, qishom gżejjer maqtugħin għalihom. Il-maltempati ħorox u frekwenti qatlu ħafna u ħafna nies u ma ppermettewx aktar li n-nies tibqa' tgħix f'dawk l-inħawi. Fi ftit ġimgħat, Rio kienet se titniżżel mal-lista dejjem tikber ta' bliet li ntilfu għal dejjem.

Iżda l-evakwazzjoni tal-lum kienet se tagħti tama ġdida lin-nies. Għadd ta' bliet ġodda kienu qed jinbnew madwar id-dinja minn għadd ta' pajjiżi li ħadmu flimkien biex joffru soluzzjoni li tiżgura ġejjieni lill-umanità. L-ewwel waħda fosthom, fil-Bolivia, kienet tlestiet u lesta biex tiżżanżan. Qabditni kurżità kbira nkun naf aktar dwar dawn il-bliet ġodda.

Intant, nies bħal Juanito ma ridux li ħaddieħor jiddeċiedi l-futur tagħhom. Eluf irreżistew li jinħarġu minn djarhom u l-Ġnus Magħquda flimkien mal-militar kienu qed jippruvaw isibu soluzzjoni. Ħafna kienu qed jitolbu li l-affarijiet jibqgħu kalmi.

Dak il-ħin waqaf raġel jitħaddet ma' Juanito. Tkellmu fuq l-evakwazzjoni. Dwar protesta. Stiednu jmur jingħaqad magħhom. Juanito qallu li se jagħlaq

minnufih u jmur. Sellimlu, qam u qabel daħal fil-ħanut biex jibda jagħlaq, ħarstu waqfet fuq żewġt ibniet ċkejknin fil-kafetterija faċċata tal-ħanut. Iggustahom. Ħassejtu jitbissem, jarahom jilletikaw għax it-tnejn riedu jpoġġu fuq l-istess siġġu. Min minnhom kien se jċedi? Ħarist minn għajnejn Juanito jien ukoll.

Rajt lili nnifsi, bilqiegħda, Beatriz faċċata tiegħi. Il-bniet li ġibdu ħarst Juanito kienu żewġ imwejjed lil hinn minni, m'ommhom, li dak il-ħin qaltilhom xi ħaġa, biex jisktu jew jobdu u llargat. Waħda mill-bniet irnexxielha titla' bilqiegħda u kienet qed tinki lil oħtha u tidħaq. L-oħra, b'wiċċha aħmar nar u ħarsa ta' qilla f'għajnejha, dehret se tisplodi l-aħħar.

Ma stajtx ma niftakarx fi wliedi, u kif moħħi mar hemm, ħassejt għafsa ta' qalb minn dawk il-kbar, qisu xi ħadd daħħal idu ġo sidri u għafasli qalbi f'morsa kbira. Ħassejtni se mmut bil-weġgħa. Bdejt nibki mingħajr kontroll, nitriegħed u nolfoq qisni tarbija.

Franċeska! Michela! Fejn intom tfal tiegħi? Għaliex kelli nitbiegħed minnkom? Għaliex intgħażilt jien minn fost disa' biljun proxxmu?

Maria! Sarita! Liana! Eku ta' ħsibijieti, tal-uġigħ li kont qed inħoss. Minn fejn tfaċċaw dawk l-ismijiet? Min kienu dawn? Mingħajr ma ridt, tliet uċuħ ta' tfajliet tampar uliedi feġġew quddiem għajnejja, tħalltu mat-tifkiriet tat-tfal tiegħi, sakemm kienu tassew qishom parti minni.

L-għafsa fuq qalbi issa ma flaħthiex aktar. Bdejt inħossni nitbiegħed, qisni se nintilef minn sensija. Ilħna madwari, mhux ċari, ma jinftehmux. Dwal qawwijin,

jgħammxu. Irwejjaħ strambi, ta' nies, ta' gazzetti, ta' linka, ta' kafè, ta' żibel mhux miġbur, ta' dranaġġ. Kollox idur u jdur u jdur bija. Ilwien differenti. Uġigħ fi rkoppti. Toqol fuq dahri. Piż jiġbidni 'l isfel, 'l isfel, 'l isfel …

"Steve? Steve? Steve qed tismagħni? Weġibni. Naf li qiegħed hemm. Steve? Kellimni. Jiena, Beatriz. Iftaħ għajnejk. Oħroġ minn hawn ġew. Itilqu, oħroġ."

Tbissimt. L-uġigħ kien telaq u minflok ħassejt paċi sħiħa timlieni, taħkimni minn fuq s'isfel. Ħassejtni qiegħed ġo fosdqa, fil-kenn, 'il bogħod mis-saram. Tbissimt, għax il-ħsieb ta' Beatriz tkellimni bi lsieni, bil-Malti, kien ħelu.

Ftaħt għajnejja. U l-ħsejjes, l-ilwien, il-moviment, il-kommozzjoni — kienu qishom daqqa ta' ponn fl-istonku għal għarrieda li qatgħatli nifsi. Kien għadni bilqiegħda fuq il-mejda fil-kafetterija, Beatriz għarkupptejha quddiemi, idejha ma' wiċċi, għajnejha miftuħin kbar fissi f'tiegħi.

Quddiem il-gabuba tal-bejjiegħ tal-gazzetti nġabret folla. Kien hemm xi ħadd mimdud fl-art, igedwed xi ħaġa, u għalkemm minn fejn kont ma stajtx nisma' x'inhu jgħid, kont naf il-kliem li ħiereġ minn fommu.

Maria. Sarita. Liana.

Il-biċċiet waqgħu f'posthom u ngħaqdu. Dawk kienu l-ismijiet ta' wlied Juanito. L-għafsa ta' qalb li ħakmitni kienet ingħaqdet mal-emozzjonijiet li ħass hu. Għalhekk dak l-uġigħ kbir. Għax kienu s-sentimenti ta' tnejn min-nies qed iġarrbu esperjenza kważi identika.

Franċeska, Michela! Kelli aptit inwerżaq isimhom,

ngħajtilhom sakemm ninħanaq. Għajnejja bdew jaħarquni bid-dmugħ li ma kontx imdorri nibki.

Ħassejt id Beatriz tmellisli wiċċi, issabbarni, tikkalmani b'leħinha.

"Steve, ħares lejja. Ma ġara xejn. Issa għadda kollox. Għadda kollox. *Mirrored grief*, hekk jgħidulha."

Ħarist lejha. Intbaħt li xufftejha lanqas biss tħarrku. Kienet qiegħda tkellimni direttament f'moħħi. Għalhekk smajt kliemha bil-Malti, għax kienu biss ħsibijiet li qed titfa', u dawk il-ħsibijiet moħħi interpretahom biex nifhimhom.

Ġibditli rasi għal fuq għonqha f'tgħanniqa li kelli bżonn u li ma rrifjutajtx. U b'moħħi kellimtha lura.

"Ejja neħilsu li għandna neħilsu. Ejja neħilsu, għax irrid immur lura ħdejn uliedi."